# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

Athenæum Melitense

Royal University of Malta

**It-Tieni Sena** **Novembru 1932** **No. 21**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**NOVEMBRU 1932] IT-TIENI SENA [Nru 21**

# TIKTEB IL-MALTI KIF JINĦASS

Għidnieh u għidnieh bosta drabi u nibqgħu ntennu u nisħqu kemm nifilħu li l-kitba jew ortografija tal-Malti għandha timxi mar-regoli u mhux mal-ħoss tal-widna. Għandna xi konsonanti li ma għandhom l-ebda ħoss, iżda l-kitba tagħhom hi meħtiega mir-regoli tal-Grammatka; ma' min għandna nimxu mal-widna jew mal-Grammatka?

L-aktar konsonanti dgħajfa, li għoddha tilfet ħossha għal kollox, hi *h*. F'xi kliem bħal *deheb, dahar, fehma, ftiehem* tinħass biss fir-rħula; iżda fi kliem ieħor bħal *jifhem, jidher, rasha* ma tinħass imkien. Għandna niktbu *jifem, rasa* kif tħoss il-widna? jew *jifhem, rasha* kif jikteb kullħadd u kif titlob il-Grammatka?

Hi regola tal-Malti u tal-ilsna kollha qraba tiegħu li kull kelma hi mibnija fuq tlett konsonanti li ma jistgħu jitbiddlu jew jonqsu qatt. Jekk inneħħu dir-regola, inħassru s-sura tal-Malti. Mela jekk niktbu *fehem* u *deher*, għandna niktbu *jifhem* u *jidher, jifhmu* u *jidhru*; ma nistgħu qatt niktbu *jifem, jifmu, jider, jidru,* għax inkunu nnaqqsu konsonanti li ma tista' tonqos qatt. Jeħtieġ nifhmu tajjeb dir-regola jekk irridu nifhmu l-għala l-Malti ma jistâx jinkiteb kif jinħass fil-widna, u fuq kollox jeħtieġ nifhmu li l-Malti ma għandu x'jaqsam xejn mal-ingliż u mat-taljan, u għalhekk fil-kitba tal-Malti għandna nimxu mhux ma' dawn l-ilsna iżda mal-ilsna li huma qraba tal-Malti.

Iżjed: jekk niktbu *rasa, ida,* flok *rasha, idha,* għandna niktbu wkoll *riġila* flok *riġilha, riġilom* flok *riġilhom.* Iżda din kitba ħażina. Għax jekk *riġel* biż-żjieda ta' *u* issir *riġlu,* hekk ukoll biż-żjieda ta' *a* għandha ssir *riġla* u mhux *riġila.* Għaliex mela ngħidu *riġila* u mhux *riġla*? Għax bejn il-konsonanti *l* u l-vokali *a* tidħol konsonanti oħra li ma tinħassx fil-widna, imma nafu minn ilsna oħra li hi *h,* għalhekk niktbu *riġilhom* bħalma niktbu *riġilkom.* Dawn huma regoli, u r-regoli jeħtieġ noqogħdu għalihom jekk irridu niktbu tajjeb. Jekk għal kelma għandna regola, għal kelma oħra bħalha għandu jkollna l-istess regola, inkella nġibu taħwid u taħbil li jagħmel għajb lill-kitba u lill-kittieba.

Mela l-Malti għandu jinkiteb skond ir-regoli u mhux kif jinħass fil-widna.

[*Din ħadet it-tieni premju*]

# SIĠAR

Ja siġar sbieħ ħadrana
Ja qawwa tal-ħolqien, faraġ u ħajja,
Ja siġar, sbieħ,
Li tqanqlu l-qlub għall-għana,
Li ttaffu d-dwejjaq kbar tal-ħajja tagħna,
Li tnisslu ferħ u sabar, hemm fil-qiegħ
Ta' dellkom, deh, ħalluni
Ninxteħet u nistrieħ:
Aħbuni, nessuni
In-niket ta' bla tarf, id-dmugħ ta' qalbi,
Il-qerq, il-ħtieġa,
Kollox.
Xewqti qawwija
Ja siġar sbieħ isimgħu, isimgħu talbi!

* * *

Hemm fuq fl-ikħal tas-sema x-xemx bil-qilla
Q'għed tisreġ fuq ir-raba', fuq il-mewġa
Ħelwa tas-silla;
U dina ma' kull fewġa
Sajfija
Tintelaq ma' tûl l-għalqa ħadranija.
Q'għed tisreġ fuq il-wied li b'leħen ħlejju
Għaddej isaqqi l-ward li tâna Mejju.
Q'għed tisreġ fuqkom,
Ja siġar sbieħ,
Fil-waqt li jiena f'dellkom q'għed nistrieħ.

* * *

Fuq rasi bla ma jehda
Il-weraq q'għed iħaxwex. Waħda waħda
Minn fuq it-tûl tal-friegħi
Niżlin... bil-qajla .. mregħda...
Qegħdin jinfirxu miegħi.

Hekk, hekk, ja siġar, waqa' l-hena tiegħi
Fl-aħjar ta' ħajti; għalhekk irridni, magħkom.
Min tani ħajti, u feraħ
U beka' miegħi, sħiħ;
Min ħadli qalbi u daħaq
Bid-dmugħ li ħlejt għalih;
Min ħadem biex is-sabar
Jatini minnufih,
Kollha rajthom niżlin bħal weraq tagħkom,
Ja siġar sbieħ.

30/6/32 VICTOR (ART. VASSALLO).

[*Imsemmija b'tifħir*]

# DUMINKU L-MIGNUN

"Ara ġej Salvu l-iblah", bdew igħajtu t-tfal tar-raħal, u telqu għal warajh biex jinbxuh.

"Ħalluh jaħasra" qalet Katarin, xebba fuq ruħha, li ma kenitx taħmel min jaħqar lill-imsejknin.

"Int ara kemm hu tad-daħk, idur fuq sieq waħda u jlablab" weġbuha t-tfal.

"Ara ħalluh u ejjew ħdejja ħa ngħidilkom ġrajja."

"Vera, Katarin?"

"Vera, ngħid, għax hi l-ġrajja ta' Duminku li joqgħod magħna. Tiftakruh hux?"

"Iva, iva, niftakruh; dak bħalek Katarin, ma kienx irid min jaħqar il-bhejjem u 'l min ma jiflaħx.

"Kellu għaliex" wieġbet Katarin, "isimgħu. Xi għaxar snin ilu, Duminku kien għadu żagħżugħ mimli saħħa u ħila, mhux xiħ kif tafuh intom. Kien jaħdem ir-raba' u jgħix ma' martu Lunzjat, mara bil-għaqal u tar-ruħ, f'għorfa mwarrba, in-naħa tal-Mellieħa. Kellhom tifla, Lieni, il-għaxqa tagħhom; ħajjithom u xogħolhom kienu iebsa, iżda kellhom l-hena f'qalbhom, l-ebda għelt u ħsieb li jħawwadhom u t-tama tagħhom f'Alla.

Kull filgħodu jqumu fil-ħamsa, Duminik imur fil-għalqa tiegħu u Lunzjat taħseb għad-dar, b'Lieni ddur magħha u tgħinha. Filgħaxija xħin jerfa' mix-xogħol, Duminku kien joħroġ ma' martu u bintu għal dawra qalb is-siġar li kien hemm ħdejn l-għorfa tagħhom. Kienu jħobbu joqogħdu fil-beraħ f'dik il-ħemda li taqa' xħin il-jum ikun sa jintemm.

Kull tlett xhur Duminik kien jasal wasla sal-Belt biex ibigħ l-aħjar ħxejjex u frott li jkun ġabar u biex jixtri xi ħwejjeġ li jonqsu fid-dar. Darba waħda, xħin kien sejjer, Lieni, li kellha xi tmien snin, bdiet tibki, qabdet ma' missierha u ma reditx tħallih imur; iżda l-ħin kien sar, kollox kien imħejji, Lunzjat refgħet iż-żgħira u daħħlitha ġewwa. Dak il-lejl kellha tgħaddih weħidha, għax żewġha kien jorqod il-Belt biex ikun hemm kmieni u jsib min jixtri l-ħaxix tiegħu. Lunzjat ma kellhiex mniex tibża', iżda f'dawn il-lejliet kienet tħossha mħawwda u mdejqa, u din id-darba aktar mis-soltu. Sikktet iż-żgħira u raqqditha, u ftit wara raqdet hi wkoll.

L-għada Duminku kien ġej lura kollu ferħan għax kien qala' ftit flus ġmielhom; mill-bogħod lemaħ qatta nies ħdejn

dâru, ħaseb li ġara xi ħaġa u beda jgħaġġel. In-nies rawh ġej, iżda ma kellmuhx. Kif wasal, mill-għorfa tiegħu, ma râx ħlief injam maħruq u fdal bla sura mġemmda. Hares ma' dwaru, bħal wieħed mitluf. Xi ħadd qabdu minn driegħu u warrbu minn hemm. "Fejnhom?" saqsieh Duminku bi snienu mgħeżża.

"Qegħdin igawdu, ikollok sabar u..."

Ma setagħx jissokta, għax karba tal-biża' ħarġet minn fomm Duminku u telaq b'ġirja lejn dak li fadal minn dâru. Ħadd ma ssogra jersaq lejh. Mar il-kappillan biex ifarrġu, sabu mixħut wiċċu fl-art. Għalxejn ried isabbru, l-imsejken ma wieġibx ħlief: "Ħallini, huma telqu," u lil min kien ikellmu kien dejjem igħid: Huma telqu, huma telqu," tant li n-nies rat li moħħu ma baqâx f'postu.

Beda jiġġerra l-hawn u l-hinn, sakemm sab għar imkennen fuq għolja, u beda jgħix fih. Bil-lejl kien igħajjat bħal xi bhima muġugħa, u f'qasir żmien saret fih tibdila tal-għaġeb, ma kienx jingħaraf iżjed. Meta kien jidher fir-raħal in-nies kienu jiddieħku bih u jinbxuh, it-tfal kienu jaqbżu ma' dwaru u hu kien ikollu jmur jistaħba fil-għar."

"Miskin" qalu hawn xi tfal li kienu jisimgħu lil Katarin. "Imma Duminku kif nafuh aħna ma kienx miġnun."

"Darba waħda" issoktat Katarin "kelli xi għaxar snin, kont niġbor il-ward f'dawk l-inħawi. Ma nafx minn fejn deher quddiemi Duminku l-miġnun; għaraftu, bdejt nibża', ridt ngħajjat, ma stajtx; hu qalli: 'Tibżâx, ma nagħmillek xejn' u resaq lejja; qal minn taħt ilsien: "Imsejkna tifla' u nxteħet fl-art jibki. Jien li kont naf xi ġralu, ħassejt qalbi tingħafas bdejt inżiegħel bih, iżda erġajt bdejt nibża' u tlaqt niġri lejn id-dar. Hu baqa' ġej warajja u dak il-lejl raqad taħt ħajt il-ġnien.

Minn dak in-nhar donnu sab serħan; ma baqâx igħajjat u jibża' min-nies; kull jum kien jiġi bi fjuri għalijja, u jien kont nistennieh u natih x'jiekol. Għandi mnejn kont infakkru f'bintu; kien iħobb jiġi miegħi u jien ferħana li stajt nagħmillu l-ġid, għamilt kemm flaħt biex ma nħallix min jaħqru.

Darba ridt nieħdu l-knisja. Meta wasalna ma riedx jifhem; ħarab u dak il-jum ma rajtu xejn. Xi xahar wara ħadtu fejn kienu midfuna martu u bintu; kif urejtu l-qabar inxteħet fuqu jibki u jolfoq; imbagħad qalli: 'Ejja nitolbu għal ruħhom.' Hekk għamilna u bdejna mmorru kull jum fuq dak il-qabar nitolbu u nqegħdu ward frisk.

Wara xi ġimgħa qalli: 'Għax ma mmorrux għall-quddies?' Jien kollni ferħana wegħedtu li nieħdu u l-Ħadd ta' wara Duminku, bid-dmugħ f'għajnejh reġa' ta' qima lill-Mulej,

fehem x'kien għadda minn għalih, ftakar kollox, u ħass ruħu mfarraġ.

In-nies ferħu xħin rawh tajjeb u f'sessieh. Lili sikwit kien igħidli li ma jridx jitbigħed minni. Jien tlabt lil missieri biex inżommuh magħna u hu ikkuntentani. Baqa' hekk sal-mewt u intom tafu kemm kien maħbub ix-xwejjaħ Duminku."

Hawn Katarin mesħet demgħa li qabżitilha minn għajnejha.

"Mela issa tafu 'għaliex ma rridx nara min jaħqar lil min ma jiflaħx. Issa wegħduni li dejjem ikollkom ħniena mill-imsejknin, u li ma tħallux min jaħqarhom."

It-tfal wegħduha bil-qalb u b'rieda soda, u żammew kelmithom.

Acer (Mary Caruana)

# TAGHRIF

# KOTBA LI BAGHTULNA

*Ktieb l-Imħallfin u Ktieb Rut*, maqlubin bil-Malti minn Dun P.P. Saydon. The Empire Press. 1932. Dawn il-kotba kienu mfissrin bil-Malti minn Dun P.P. Grima (1929) u minn Mons. C. Cortis (1924). Xogħol sabiħ u ta' fejda għal min irid iqabbel dawn ix-xogħlijiet bejniethom.

*Il-Malti*, għadd ta' Setttembru.

*The Teacher*, minn Lulju sa Ottubru. Inħajjru lil dawk li jafu bl-ingliż biex jaqraw l-artikoli li G. Vassallo qiegħed jikteb fuq l-ortografija tal-Malti.

*Ir-rebħa u t-tagħlima ta' l-assedju l-kbir*, miktub minn P. Baskal Grech, O.F.M. Port Sajd. 1932.

*The Patriot*, gazetta ġdida bl-ingliż.

# INFAKKRU

u nitolbu l-dawk l-imseħbin li għadhom ma ħallsux biex jibagħtu mill-aktar fis il-ħlas ta' sena jew ta' sitt xhur lis-Segretarju tal-Għaqda tal-Malti c/o Empire Press, Str. S. Paolo, Valletta. Il-ħlas jista' jsir bil-bolli. U nfakkruhom ukoll li malli nkunu nistgħu nkabbru d-daqs ta' dan il-qari.

[*Din ħadet it-tielet premju*]

# IL-WERŻIEQ

Lil V......

O għannej tal-iljieli
li, moħbi qalb il-ħxejjex,
tħenni b'leħnek il-ħemda ta' fl-għaxija,
kemm-il-darba fit-tlellix
tal-qamar u tal-kwiekeb
ma' qgħadtx nissamma għanjietek?
Fost l-akbar skiet u ħemda
waħdi, 'mxerref għal fuq l-għelieqi, waħdi,
kont noqgħod, bla nintebaħ, sa ma jsebbaħ
nitgħaxxaq bi ħlewwietek:
u f'dak il-ħin xejn aktar ma kont nisma
ħlief it-taħbit ta' qalbi
jagħmel eku lill-għana tiegħek. Xejn
f'dik il-ħemda ma kien ifixklek fl-għana:
biss xi kull tant l-inbiħ tal-klieb għassiesa
jew l-iddin ta' xi sriedaq
li jwieġbu lill-xulxin bil-lejl f'di' l-ħara.

Mhux biss is-sikta tal-lejla kien iħenni
il-ħoss ta' leħnek; iżda
bħal duwa bnina li l-imrar ittaffi,
kien jinżel fuqi
jimla' l-ħefa (1) w is-skiet ta' qalbi mnikkta....
u qajla qajla jbennen lil għajnejja
f'nagħsa ħalliema
mingħajr ma nitlef xejn mill-għana tiegħek.
U fost id-daqq li kien joħroġ minn fommok,
u 'n-ngħas li fih tbenninni
kont noħlom fuq l-imħabba w nara ix-xbejba
minni mixtieqa.

.........................................................

..................................

Issa f'leħnek jien nilmaħ ħlewwiet ġodda
u qed f'kull lejla ta' daw' l-jiem sajfija
inħoss bħal min jiġbidni
lejn tieqti, fuq l-għelieqi, taħt il-qamar
biex noqgħod nisma għanjetek;
fil-waqt li ħiemed waħdi,
nhewden, mistrieħ, (2) fl-imgħoddi;
naħseb fli jien;
u noħlom fuq il-jiem li hemm quddiemi.

26/viii/32 Mark Jeve' (Karm Vella).

(1) il-vojt. (2) aġġettiv.

# NIES BLA SABAR

Is-sur Anġ kien ilu s-snin iżomm il-kotba fil-maħżen tal-aħwa "Kalamanos", Griegi li kienu jġibu ġid id-dinja mill-bliet tal-Vant. Is-sur Anġ kellu qatgħa fejn jikteb, f'rokna tal-maħżen; sieket il-ħin kollu bil-pinna fuq widintu l-lemenija, iqalleb il-karti, jagħlaq u jiftaħ kotba kbar u jikteb u jgħodd. Kliem xejn ma' ħadd minn jeddu u jwieġeb għal xi mistoqsija fil-bogħod b'kelma jew tnejn. Xogħol tal-meħel u tar-reqqa biex ma jeħux xi għelt u jiksirha mal-*Kyrie*.

Il-*Kyrie* kien laqam ta' sid il-maħżen li kien jismu s-sur Dimitri minn Salonik.

Lis-sur Anġ kien drah kullħadd, raġel taz-zokkor sakemm ma tħabbatx, ma ssaffarx jew ma tgħajjatx ma ġenbu, għax jirgħex, jitfixkel u jinsa min hu u fejn hu. Waħdu u fis-skiet, kien jibqa' sejjer bla serħ ta' xejn, bħal l-arloġġ tal-mażżri li kellu jtektek quddiemu, mindu jidħol sa ma joħroġ.

Darba kien tilef is-sabar għal kollox u kien s'er jitlaq mill-maħżen għal fettuqa li ħaddieħor kien jeħodha biċ-ċajt kif kien jixraq.

Kienet inqalgħet nitfa ta' tabxa fuq tgħabija ta' skuna li ġiet bil-ħsara minn Gorfù u s-sur Anġ kellu jiġbor ittri u kontijiet għal quddiem l-imħallef. Xogħol irqiq li ma satax isir il-maħżen qalb il-għagħa tan-nies dieħla u ħierġa.

Il-*Kyrie* li kien jaf mniex ibati s-sur Anġ qallu: "Ħu l-kotba u dak kollu li tinħtieġ u mur bil-motor tagħna fid-dar li għandi Ħal-Lija u oqgħod aħdem hemm bil-kwiet; fil-maħżen noqgħod jien."

Għoġbitu s-sur Anġ li jmur jaħdem bogħod mill-ħsejjes u telaq ferħan lejn Ħal-Lija. Dar sabiħa, mwarrba, f'misraħ ċkejken; nies ftit u ħsejjes ta' xejn.

Għażel kamra b'tieqa kbira għad-dawl u għal frisk mif-tuħa fuq kantuniera quddiem ġnien tal-larinġ mal-ħajt l-ieħor.

L-ewwel ġurnata mar ħarir u x-xogħol mexa bħal ma xtaq hu.

Il-għada mad-disgħa ta' fil-għodu, waqaf taħt it-tieqa raġel bil-karrettun tal-ħmar u f'dak is-skiet kollu fetaħ ħanġra daqsiex igħajjat: "Għadam u ċraret—ram u ħadid min għandu" —Għadam u ċraret—" waħda wara l-oħra.

Is-sur Anġ xiref malajr mit-tieqa u qallu: "Bil-mod, ħabib. Tridx tmur tgħajjat band'oħra. Jien u la għandi għadam u l-anqas ċraret tista' tibqa' sejjer, għax qiegħed tfixkilni."

—Lilek kont nistenna dal-għodu"—qal tal-karrettun "jien bil-għajjat irrid indabbar xi sold. Ara ma min Alla laqqâni

dal-għodu," u beda jrodd is-slaleb u minnufih tefa' żewġ għajtiet oħra: "Għadam u ċraret—Għadam u ċraret—"

Is-sur Anġ ħabat jitlagħlu nbagħad ra li ma nies bħal dak ma kienx jeħu paljn bil-kliem, ftakar kemm kellu x'jagħmel u ħaseb li jieħdu bil-ħelu.

—"Ara xbin," qallu, "ma għandix żmien x'nitlef noħodha miegħek. Aqbad xelin u ibqa' sejjer."

—"Hekk irrid"—qal l-ieħor—"issa tkellimt ta' sinjur li int. Newwel ix-xelin u ma taranix qabel għada." Tefa' x-xelin fil-but tas-sidrija, ta' daqqa lil-ħmar fuq ingropptu u telaq ħelu, ħelu, mgħoxxi bid-daħk.

Is-sur Anġ kollu ħieni li ħeles ħafif minn dak iċ-ċakkal raġa' qabad igħodd u jħażżeż. Ma kienx tbigħed ħamsin qasba wara li dâr il-kantuniera li dak tal-għadam ma ltaqax ma ħatnu ġej bil-lajma kollha jimbotta karru għoli b'rota mal-ġenb iddur fuq ħabel u jgħajjat: "Imqassijiet u skieken, għat-tiswija min għandu"—

"Tgħajjatx, xbin," qallu għax hawn sinjur tqajjimlu t-tfal. Dak raġel fonqla, xbin, ara rasek minnu," u waqaf u qallu xi ġralu u kif xoroblu xelin bla taħbit xejn.

—"Dan mnejn inqala? Qatt ma' rajtu. Fejn joqgħod?"

—"Hemm kif tikser il-kantuniera, dik id-dar bil-persjani ħodor, għaddilu mogħdija, jew jaqsamlek rasek jew iħallsek biex jeħles minnek."

—Malli resaq lejn il-kantuniera fetaħ kemm garġi kellu: "Imqassijiet u skieken għat-tiswija min għandu". Għajta rqiqa ta' serduq xieref, irqiqa u twila li ttaqqablek widnejk.

Is-sur Anġ ma damx ma joħroġ rasu mit-tieqa wiċċu mbergħen, ixejjer idu l-barra.

—"Hawn ġejt tgħajjat ħabib?" Xejn ma għandi x'insinn u l-għajjat iweġġagħli rasi u jfixkilni fix-xogħol, għalhekk tbiegħed minn hawn għall-erwieħ."

—Bil-mod sur E—Jien ma' ġejtx għalik dal-għodu. Hawn għandi ħafna parruċċani jistennewni darba fix-xahar u jekk ma ngħajjatx ħadd ma jkun jâf li wasalt". U raġa' qabad il-għanja—"Imqassijiet u skieken"...

—Demmu tala' għal rasu, is-sur Anġ, imma kif teħodha ma' nies bħal dawn? "Mill-ieħor ħlist b'xelin, naraw ma' dan kif immorru?" qal bejnu u bejn ruħu.

—Xbin qallu hawn xelin għalik jekk tibqa' sejjer u tgħajjat fejn ma nisimgħekx.

—Ħelwin intom in-nies tal-belt, kull fejn tkunu jsir tagħkom. Sejjer, mhux għax-xelin li semmejt imma nara li int demmek spont u jien ma iniex tal-ġlied—Newwel ħammur."

—Sa ma' ġieblu x-xelin qabad jirfes il-lasta u jdawwar ir-rota l-kbira, sikkina fuq l-imsenna, bl-ilma jqattar fuqha

mill-bott tal-landa, u x-xrar tan-nar jittajru minn taħt ix-xafra bejn idejh.

Malli ħa x-xelin qabad jinbotta l-karru, wiċċu b'nofs daħka u jimxi u jħares lura, għax il-qejda li biha webblu ħatnu għoġbitu. Ma kull min iltaqa' dak inhar semma xi ġralu u xandar mar-raħal lil dak is-sinjur tat-tieqa rasu ħelwa, imma 'galantom għax iħallas.

Is-sur Anġ li kellu għal darbtejn jerħi minn idejh u jarġa' jibda x-xogħol mill-ġdid beda jaħseb li din id-dar barra mill-belt ma kinetx wisq aħjar mill-maħżen għal dak li kien serħan tal-moħħ. Ma damx jaħseb wisq għax għajta ta' barri fit-trieq raġġħet ħarġitu fit-tieqa:

—Tal-Mellieħa t-tonn—Sorra u tonn—Għajnu ħamra t-tonn—Min jixwi ratal tonn...

—"Trid naqtagħlek ratal sorra?" staqsieh malajr il-bejjiegħ malli rah fit-tieqa.

—Le, ma rridx u la tonn u l-anqas sorra, jekk tibqa' sejjer inkun nafulek—

—Mita nara li ma hemmx bejgħ fit-trieq jekk jidhirli mmur. Bla għajjat ma nbiegħx, sinjur. Is-sur Anġ ma riedx joħroġ xelini aktar għax dawk minn butu. Daħal mit-tieqa u għalaq il-persjani bil-herra f'wiċċ dak tat-tonn u wara ftit għalaq b'tisbita l-bieb u ħareġ il-barra, biex iderri u jeħles minn dak ir-rajjeb.

Ġera ġirja mar-raħal u raġa' lura wara xi nofs siegħa bil-biża' li ma jinbitx xi għawġ ieħor.

Tat-tonn kien mar u hu raġa' ntasab quddiem il-mejda jikteb—Ma damx balleċ!! Il-ħarira kienet ġriet. Waqaf taħt it-tieqa sabi daqsiex bil-karrettun tal-ħaxix. Waħħal il-keffa ta' idu l-leminija ħdejn ħalqu u beda għajta wara l-oħra: "Tal-Imdina l-bajtar—ara fommu bil-għasel il-bajtar,—min jieħu ratal bajtar".

Is-sur Anġ xiref malajr u sab il-bejjiegħ b'wiċċu daħkani jħares lejh b'żewġ bajtriet f'idu—"Niżinlek wiżna sur E?" Intebaħ malajr li dak il-misħut kien mibgħut minn xi ħadd, u li kien ġie għax-xelin u m'hux biex ibiegħ il-bajtar.

—"La tbegħli xejn ħabib għax ħiereġ." Sakkar it-tieqa kollu mrigħex, sabbat il-bieb u telaq lejn il-belt.

Huwa u ħiereġ jilmaħ ġej wieħed bil-brinġiel, kannestru kbir fuq ġenbu tax-xellug, bil-lemin iferfer lil tal-bajtar u jgħajjat b'leħen ta' xaqfa: "Ara x'kull brinġiela għandi—tal-ħajjata l-iswed"... Għaġġel biex jilħaq is-sur Anġ imma dan baqa' sejjer ixejjer dirgħajh bil-kappell lura u wiċċu xrara nar.

Kif wasal il-belt ma' jafx. Il-Kyrie baqa' mistagħġeb jarah quddiemu.

—Kif? Kollox lestejt?

—"Bil-kemm għadni bdejt," u kollu mdagħdagħ qal xi ġralu.

—Il-Kyrie xtaq jifgah imma wera li fehmu u għadrii nbagħad qallu :

—Sur Anġ naħseb li l-aħjar li tagħmel għandna dik il-kamra battala fuq il-bejt bl-imbarazzi u l-kaxex.

Qabbad lil Pawlu inaddaflek rokna u iġiblek kull ma' jidhirlek. Hemm ma għandekx biża' li xi ħadd ifixklek.

F'kemm ili ngħidlek dak li ried il-Kyrie sar, u s-sur Anġ ferħan ser itir għax hemm fuq u la nies u la ħsejjes. Ftit għabra, ħafna nsiġ tal-għanqbut fis-saqaf, rieħa ta' moffa u ta' għaluq li taqsam imma waħdu u fil-kwiet. Bil-kemm kienet tasal it-tisfira tal-laneċ jew ta' xi vapur għaddej fil-port !

Fil-għodu kmieni rikeb fil-motor tal-Kyrie u mar Ħal-Lija jiġbor il-karti u l-kotba li kien ħalla. Oħroġ il-għaġeb tal-għadam u ċ-ċraret kien bil-qegħda fuq il-għatba jistenna; imma s-sur Anġ ma ħareġx xelini iżjed.

T. Z.

Lulju 1932.

# ĠMAJRU U L-KAROZZI

Kien għalaqhom is-sebgħin sena Ġmajru tal-Aħmar u kien qalibhom biċċa sewwa, imma jekk tistaqsih kemm igħodd, malajr kien igħidlek li sa jagħlaq erba' għexieren. Kien jaħdem fir-raba', imma minn xi sentejn l'hawn telaq ix-xogħol, wella r-raba' kollu u nġabar id-dar jiekol l-erba' ħabbiet li faddal bl-għaraq u x-xeraq.

Għalkemm xiħ, kien nadif qisu xammiema. Qalziet u sidrija tal-lankè, xogħol ta' Malta, u qmis bajda tal-imrejjaq b'għonq kbir imxaqleb fuq is-sidrija bħaż-żgħażagħ tal-lum. Raġel sewwa kemm tridu, "jaħraq dinek" qatt ma tisimgħu jgħid, dħuli, qalbu f'idu jaqbeż għal kullħadd. Għalhekk kull ħadd kien iħobbu. Ix-xjuħ kienu jfittxuh biex iqattgħu siegħa flimkien jitħaddtu fuq l-imgħoddi; iż-żgħażagħ, meta ma jkollhomx x'jagħmlu, ma kenux jiddejjqu jisimgħuh, bla ma jmeruh, ifaħħar iż-żmien l-imgħoddi. Għax, cos, Ġmajru, bħax-xjuħ kollha ta' qablu, minn għalih l-imgħoddi kien l-aħjar żmien. Dak kien żmien ! Xogħol kemm trid u ħajja rħisa.

Ir-raba' jati bir-rfus. L-uċuħ ma jitħassru qatt. Il-matmura dejjem mimlija. Il-bhejjem ma jkorru qatt. Mal-bejgħ il-flus. U l-barka f'kollox. U l-lum m'hawnx ħlief għaks. L-uċuħ jew imisshom il-mell, jew ma ssibx tbiegħhom. Ħaddiem għoli nar; tmur taqla' wieħed igħinek jumejn tordom qisek mort għand avukat, trid qabda flus biex tħallsu. Is-sid igħolli r-raba', u l-qbiela trid thallasha minn ġewwa. Hekk kien jaħseb Ġmajru.

Darba kif kien minsub fuq l-għatba ta' daru, jgħaddi minn hemm Wistin il-Qerqni ħabib tiegħu tal-qalb, li kien xellifhom is-sittin.

"X'hemm Wist?" qal Ġmajru, "strieħ ftit hawn."

"Ġejj mill-Baqqari", wieġeb Wistin; "kien hawn wieħed ried jixtri xi erbât iħmiel silla, u mort nurih tiegħi."

"Ftehimtu?" qallu Ġmajru.

"U xi ftehimna, ftehimna!" wieġeb ftit imsaħħan Wistin; "tlabtu tmintax irbiegħi l-ħemel, u tâni żewġ xelini, anqas ħabba iżjed ma ried jatini. Silla bħal dik, safra bħad-deheb, nadifa, marbuta kbir, biex jiġi jatik żewġ xelini! anqas bi tmintax irbiegħi mhi mħallsa!"

"Eħ! dawn l-imberkin ta' karozzi ġiebu saħta f'Malta", qal Ġmajru, kelma, kelma qisu x'imħallef jaqra s-sentenza. "Il-karozzi għarrquna. Kull fejn tmur ma tis .âx ħlief żarżir u titwit ta' karozzi. Il-bhejjem naqsu għal kollox. Tal-karozzini għoddhom żarmaw kollha. Il-burdnari jonqsu kulljum. Saħansitra tal-barriera bdew iġorru l-ġebel bil-karozzi! U l-karozzi ġbin, ma jeklux silla. Is-silla tibqa ma' wiċċna biex nitfgħuha taħt saqajn il-bhejjem jew inbegħuha b'irħis."

"Mela xinhu!" qabeż igħid Wistin," u barra minn dan, ma tistâx issuq bhima. Karozzi minn hawn, karozzi minn hemm; issa reġġa' lura, issa żomm mal-ħajt, issa l-bhima tonfor. Darba nkun ġejj minn tas-Sies b'dak il-moħor li kont xtrajt minn għand Baskal il-Lajs. Kif nasal ħdejn ir-razzett ta' ħatni, insib karozza daqs bastiment quddiemi. "Ma smajtnix indoqq?" beda jgħajjat b'ħanġra daqshiex miftuħa dak li jsuq il-karozza. "Huwa int xħin tiġi fuqi għandek iddoqq?" qbiżt għidtlu jien." "Reġġa' lura qiegħed ingħidlek, jew insuq fuqek u naqsmek bil-karettun b'kollox."

"Li kont jien, kont neħodlu n-numru," qabeż qatagħlu kliemu Ġmajru.

"U hekk kont sa nagħmel jiena wkoll," qallu Wistin, "imma jien in-numri ma nagħrafhomx. Biex ma ntawwalx ilsieni u ma nikserx għonqi, għax ħassejt demmi jxegħibni għalih, kelli bil-qalb it-tajba nreġġa' lura. Jiena u nreġġa', il-moħor iħaxkinni mal-ħajt, naħbat il-qasba ta' sieqi u, ja sidi, indum xahar intabbab u ma nistâx nimxi fuqha."

"U jien," qal Ġmajru bi tnehida misluta minn qiegħ qalbu,

ma tiftakarx xi ġrali b'dik l-erħa? Jien sejjer għal xogħli miexi mal-ħajt il-ħajt bl-erħa quddiemi. Fid-daqqa u l-ħin tiġi karozza minn warajja ddoqq iddoqq. L-erħa nafret, beżgħet, riedet taħrab, tqabbad saqajha mal-ħajt biex taqbeż ġol-għalqa; il-ħajt kien imżakkar, taqa' selħa u tiksrilha saqajha t-tnejn ta' quddiem. Il-biki tâni, naraha mixħuta fl-art quddiemi. Li kelli biex, dak il-ħin kont nagħmel in-nar fuq tal-karozza. Fejn taf kemm kienet għaqlija. Konna għadna kemm xtrajnieha mill-Imtaħleb..." U x-xwejjaħ Ġmajru mesaħ b'wiċċ idu żewġ demgħat li qabżulhu fuq ħaddejh. Inbagħad b'leħen sħiħ u mimli qal:

"Jien sa nagħlaq erba' għexieren, u qatt ma rkibt f'karozza, u jekk il-Bambin jislifni mitt sena oħra għomor f'karozza ma nirkeb qatt u qatt."

"U anqas jien", qabeż malajr malajr Wistin"; jien f'ħajti kollha darba rkibt fuqhom. Għamnewwel silfi ġenninni biex immorru tal-Mellieħa, u billi kont ilni qatigħ ma mmur, tħajjart. Irkibna l-karozza, raddejt is-salib, tu....tu...., sħaba trab, u f'kemm ilni ngħidlek wasalna l-Mellieħa. X'rajt fit-triq ma nafx, jew, biex ingħid is-sewwa, ma rajt xejn. Dak ir-raba' saqwi jgħaxxqek, dawk is-swieni u dawk l-oqsma jħaddru bilħxejjex...., xejn ma rajt. Kont sa ngħid lil tal-karozza jmexxi qajl qajl, imma silfi sikkitni. Ngħidlek li għelejt għax mort, u xħin fil-għaxija rġajt dħalt id-dar għamilt salib għal wiċċi li f'karozzi ma nirkeb qatt."

"Tagħmel sewwa; il-karozzi ma għandekx xi tridhom; il-karozzi ġiebu saħta fuqna. U kif jista' jkun," u hawn Ġmajru ressaq fommu ma' wiċċ Wistin, donnu ma jridx li l-arja tismà' l-kliem li sa jgħid," u kif jista' jkun li karozza bħal dawk, b'għoxrin ruħ ġo fiha, timxi weħidha b'xejn? Għalkemm, iddawwar daqsxejn ta' rôta, u timxi u tieqaf u tilwi u terġa' lura kif trid int. Jiena, ngħidhielek kif inħossha, jħassbuni ħażin. Qabel ma neħilsu minnhom, ma nerġgħux naraw il-barka ta' Alla fuqna. Taf x'kien igħidli missieri, Alla jaħfirlu, u missieri kien jaf x'igħid għax minn tfulitu dejjem madwar Dun Feliċ, ruħ tajba ma għandniex ieħor bħalu, mela missieri kien igħidli: Ibni għad jiġi żmien li n-nies itiru bla ġwienaħ u l-karozzi jimxu bla żwiemel u fuq Malta taqa' ħsara kbira.

"U hekk hu", qabeż igħid Wistin, li kien qiegħed jisimgħu b'għajnejh imberrqa; "hekk hu. Fiex ġejna, x'waħda din! u fiex għad naslu ma nafux. Nitolbu 'l Alla jżomm idejh fuqna."

U ż-żewġt iħbieb infirdu, moħħom iredden fuq raba', silla, bhejjem u karozzi.

O. V.

## ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn Malta id-doppju.